# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

**31.** **3 TA' APRIL 1909.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'il Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieh tiegħu, għal sena, b-xejn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament. Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri ghandhom jinbaghtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P,L. *Direttur-Proprietarju.*

★

## LIL L-IMSIEHBIN.

DAŬC COLLHA LI JSIBU SOĊJU ĠDID GHAL SENA GHA'N-"NAHLA" JIEHDU CTIEB TA'L 'MAHBUB TA' GESÚ" B'XEJN.

LIL MIN JISSIEHEB ĠDID ISSA, BILLI BAKA FTIT COPJI ŻEJDA, NATIH IN-NUMRI TA'L-EŬŬEL SITT XHUR B'XEJN.

BEJN MIN HALLAS JEŬ IHALLAS, MINN JEDDU, IT-TIENI SITT XHUR, SA L-AHHAR TA' APRIL, JINTREFGHU PREMJI COTBA SBIH.

MIN IRID JIXTRI "IN-NAHLA" JEŬ JIXTRI "IL MAHBUB TA' GESÚ"; JEŬ IRID IHALLAS L-ABBONAMENT IMUR GHAND IL FOTOGRAFU VELLA, TA' HDEJN COLOMBOS TA' STRADA RJALI TA' BELT, JEŬ ISIB LILI F'IL GHODU F'IL KORTI T'ISFEL TA'L BELT.



# It-Tobba ta'l Gvern.

Jecc f'Malta għandna ħafna ligijiet zopop, okogħdu sguri li l-actar ŭaħda hi dic ta't-Tobba u ta'l Ispiżżjari.

F'dina il Ligi il Gvern tagħna fittex rasu biss; u il Cunsiljieri li chien hemm fuk is-siġġu ta'l bellus fittxŭ biss il gid ta' ħbiebhom bla ma kagħdu jħarsu ftit lejn il gid ta'l poplu.

Chiecu ma chienx hecc ma chien icollna katt f'Malta dic il għarucaża cherha ta's-sehem ta't-tobba fl-Ispiżżeriji; katt ma chien icollna tobba li, għa'x għal fkar, jagħmluha ta' spiżżjari huma stess.

Jecc l-ispiżżjar hu maħluk biex meta it-tabib jiżlok xi żelka f'ir-ricetta, jiftaħlu għajnejh u ma jħalliehx jibgħat forsi omm ta'l familja id-dinja l-oħra għala il fkar ma għandhomx igaŭdu ucoll dana il privileġġ? Għala il medicini li jieħdu huma m'il berġa, għandhom jieħduhom minn idejn it-tabib dritt?

U jecc ma jafx jagħmel dic il medicina għaliex studja għal tabib biss?

U jecc icun aljenat u jagħmel doża f'loc oħra?

U jecc icun disonest u jrid jati velenu jeŭ medicina għal xi ħaġ'oħra, min iżommu? min jintebaħ? min jirrapportaħ lil Pulizija jeŭ l'is-Superjuri tiegħu?

U jecc il fkir marid icollu bżonn ta' pilloli, jaf jagħmilhom it-tabib ta'l Gvern? M'hux collha; għa'x m'hux billi tcun tabib b'il fors għandec tcun taf tagħmilha ta' spiżżjar.

It-tabib jaf biss għal fejn jisùeù il medicini, iżda biex icun jaf chif jgħakkadhom hemm bżonn li jitgħallem apposta u jieħu il pratca f'xi spiżżerija.

Għamluh dana it-tobba ta'l Gvern li għandna collha?

U billi forsi m'hux b'iż-żejjed li il Gvern telak il fkar f'idejn it-tabib bla id-dakka ta' għajn ta'l ispiżżjar; it-tabib minn naħħa l-oħra jabbuża billi ħafna m'ix-xogħol ta'l Berġa jerħieh f'idejn il pulizjott li jcollu ma' dùaru, jeù f'idejn is-seftura li jcun hemm biex tżarfar jeù biex taħsel l-art. Dan ma hux seùùa għaliex is-saħħa ta'l fkir għandha tigi imħarsa daks ta's-sinjur jecc m'hux xi ħaġa iżjed billi il fkir meta jitlef saħħtu jista jmur jinxteħet għal ùara sur.

Dina il ħaġa il Controllur għandu jgħasses fukha seùùa; u jordna l'it-Tobba ta'l Bereġ li il medicini għandhom ibagħbsu fihom huma biss; u m'hux biex inakksu m'ix-xogħol jerħu il medicini f'idejn il pulizjotti, għaliex daùn jistgħu, meta jitgħallmu xi ftit, jabbużaù b'il medicini ucoll.

Il Controllur għandu javża l'it-Tobba ta'l Bereġ ucoll li ma jħallux in-nies jistenneù ùara il bieb ta'l Berġa xi dakkiet sa'l ħdax, bħal ma spiss jiġri f'il Berġa ta' Ta's-Sliema. Tara ħafna ommijiet li jcunu ħalleù djarhom u it-tfal ùarajhom, jitilfu in-nofs ta' nhari sħaħ ùara il bieb ta'l Berġa biex jinkdeù, u imbagħad f'ix-xemx tisreġ jeù f'ix-xita jcunu għad iridu jmorru ġo kiegħ San Giljan.

Dana ma hux seùùa, it-tabib għandu jbaccar ftit u jakdi dmiru seùùa la hu imħallas għal hecç. Jecc ma jridx seccatura jerħi il post lil ħadd ieħor.

Xi tobba oħra ta'l Bereġ jaraù chif jagħmlu biex jilkgħu il fkar li jmorru ħażin, igħajjtu magħhom, iċanfruhom, iħalluhom jistenneù biex ixebbgħuhom u darb'oħra ma jmorrux jicsrulhom rashom u jmorru f'Berġa oħra jeù igibu it-tabib id-dar billi jitkanżhu biex iħallsuh.

Staksu l'it-Tabib Inglott chemm il ùaħda jiccurha cull jum li jcun imissha tmur f'Berġa oħra u li titolbu b'il ħniena li jiccuraha hu għaliex it-tabib ta'l Berġa tagħha jgħajjat magħha jeù jakdiha ħażin meta ma jcunx hemm xi ċanfir ucoll.

Daùna in-nies bla ruħ iridu jpappu is-salarju ta' xejn, basta jcollhom iż-żmien biex jmorru jistadu.

Oħrajn ifittxu l-eùùel jakdu il viżti b'il ħlas u imbagħad jecc jibka il ħin imorru jaraù il fkar bla ma jokogħdu jħabblu rashom jecc dac il ħin li jitilfu sa' jmorru icunx il ħtija li ma jcunx jista jcun hemm fejkan iżjed għal dic il marda.

Għarucaża! it-trascuragni, it-tnicchir, il herra u il guffagni biex ma insemmix ħaġa'oħra ta' xi tobba ta'l Gvern iùaħħxuc u nistagħgeb chif f'ùidnejn il Controllur ma jaslu katt xi ftit m'il istejjer tagħhom u chif dana ma jrażżanhomx għal gid ta'l poplu.

Bl-iscuża ta'l Korti jkattgħu in-nofs ta' nhari il Belt; u bla dina l-iscuża ucoll tarahom spiss ġo Strada Rjali jeù f'il cafejjiet, jeù f'iċ-cinematograf u id-distrett icejjak. Tgħiduli meta, per esempju, it-tabib ta'l Imsida jmur il Belt, iħalli f'locu lil ta'l Ħamrun. Iva, iżda jecc ùieħeb jaka m'il għoli seùùa jeù jakta xi arterja jilħku ta'l Ħamrun? U meta jinzertaù imorru it-tnejn? Meta it-tabib, Ghio jmur il Belt (u jmur spiss) lil min iħalli f'locu? Lil ta'l Imsida? U jecc tiġri xi ħaġa seùùa chemm irid igħaddi żmien biex jilħak ta'l Imsida; għaliex l-eùùel tieħed jitlef iż-żmien biex isib lil ta' Ta's-Sliema u meta ma jisibux imur għal ta'l Imsida, u forsi dana jinzerta il Belt ucoll u l-imsejchen marid jeù ferut iħallas il laħam.

Dana ma hux seùùa u il Controllur, li hu ragel ta' rekka u ta' kalb ħanina hemm bżonn li jakta iż-żarda għal libertà cbira li ħadu xi tobba ta'l Gvern, li billi għandhom x'jaksmu ma'l fkar u ma'l injoranti jaħsbu li jagħmlu bihom li jridu u chif iridu.

Hemm bżonn li cullħadd jakdi dmiru u jecc ma jridx csir ir-ras jitlak ħalli jidħol f'locu min irid b'il ħniena u b'ir-rekka collha jakdi dmiru lejn il fkar u l-imsejcnin. U jaħtieġ li jsir hecc.

# FRAC.

It-Tabib Ġanni Gulia chiteb articolu sabiħ ħafna fuk is sajd u ùera li f'ir-regolamenti li ħarġu u li jiena gibt f'in-"Naħla" hemm għad xi ħùejjeġ nieksa bħal ma hi li ħadd ma għandu jistad billi jitfa it-toscu fl-ilma bħal ma jagħmlu xi uħud u b'hecc jagħmlu ħsara lil min jiecol dac il ħut.

★

Articoli sbiħ ħafna ucoll kiegħed jicteb f'ir-"Risorgimento" it-Tabib P. P. Agius fuk il ħsara li jagħmel ix-xorb fuk it-tfal żgħar u għalhecc nixtiek li min jaf jakra b'it-taljan jakrahom ħalli jifhem chemm ħsara cbira jagħmel l-uliedu f'saħħithom min itihom jixorbu l-imbit, il birra u xi dakkiet spiriti oħra ucoll.

★

Da'l ġranet faħħruli ħafna lil Vici-Parrocu ta'l Imsida, Dun Ġùann Falzon. Jiena naf li hu żagħżuħ intelligenti ħafna, iżda katt ma cont naf li hu jħabrec daks hecc għal gid ta'l l-erùieħ; u għaldakstant għandhom ragùn iħobbuh ħafna ġo l-Imsida għaliex lilu jsibu b'il lejl u b'inhar għal bżonnijiet tagħhom u l-actar għal l-għajnuna ma'l moribondi.

★

F'il ġranet ta'l Gimgħa il Cbira, minn Ħadd il Palm, il kuddiem, min irid jara tasseù ħaġa sabiħa imur sa Ħal Kormi fejn is-Sacerdot Dun Gampatist Porsella Flores, il Vici-Parrocu ta' hemm, għamel "CALVARJU" sabiħ ùisk u li faħħru cull min rah. Dana kiegħed fi Strada Rjali, numru 198. Collox hu maħdum scond l-Evangelju. Il ħlas icun minn sold sa tnejn u il kliegħ imur collu għal l-Istitut ta's-Sorijiet Agostinjani ta' dac ir-raħal stess u li kiegħed jagħmel ħafna gid. Il pasturi huma xogħol sabiħ ta'x-xama u magħmula fuk mudelli ta'l imfaħħar Canonicu Polito ta'l Birgu. Nitma li jmorru jaraùh ħafna nies biex icunu raù ħaġa sabiħa ħafna u fl-istess ħin icunu għamlu carità.

★

Nirringrazzja b'il kalb l-is-Sur Fons M. Galea ta'l ctieb sabiħ ta'l Mogħdija ta'ż-Żmien li bagħatli "It-Tgħeżżiża ta' Messina". Dana fih ħafna ħùejjeġ ta' min jakrahom fuk l-aħrax terremot li radam dic il belt tant sabiħa; u fuk collox fih ħafna stampi li tieħu pjacir tarahom. Ikum tliet soldi biss.

★

Cullħadd kiegħed ifaħħar lil Patri Norbertu Guerrini ta'l Minori Osservanti li kiegħed jagħmel il Qùaresimal f'San Ġuann. In-nies li bihom tcun dejjem mimlija il cnisja huma xhieda ta' għerfu.

★

Nhar il Ħadd f'il 5 ta' ùara nofs inhar il Banda "Beland" ta'ż-Żejtun sejra iddokk f'il Pjazza ta'l istess raħal programm sabiħ ħafna taħt it-triegija ta'l imfaħħar Surmast Catania.

# Il Melodramm Malti.

## NICOLÒ ISOUARD.

Meta miet Dun Michelanġ Vella, Isouard chien għad għandu xi sbatax il sena dlli tüieled il Belt fl-1775.

Missieru, scond ma jgħarrafna il Fetis, chien ġej minn nisel francis chien negozjant m'it-tajbin u Segretarju ta'l "Massa Frumentaria". Billi dana chien ragel seüüa ħafna u chien iħobb ħafna lil familja rabba l-uliedu m'il aħjar li sata u billi haün ma tantx chellna għad schejjel tajbin, bagħat lil x'uħud minnhom jistudjaü f'culleġġi francisi.

Lil Nicolò ħadu miegħu f'Parigi il Commendatur ta'l Ordni Constant de Campion, u telku f'idejn is-Sur Berthaud, li f'is-sobborg ta Sant'Onoratu chellu culleġġ tajjeb għat-tagħlim ta'l ħüejjeġ militari u l-actar ta'l artillerija. Min dan nistgħu nintebħu li missier Isouard chellu ħsieb li jitfa l-ibnu fi triek li xejn ma chienet takbel ma dic li għażel għalieh in-nifsu it-tifel stess.

Hemm studja il-latin, id-disinn u il matematichi; u is-sur Pin taħ l-eüüel lezzjonijiet ta'l pjanuforti.

Üara xi żmien għamel l-eżami biex jidħol f'il marina u għadda; iżda billi fl-1790, fi Franza, xegħlet ir-Rivoluzjoni il Cbira, telak u gie Malta ma'l familja biex iüarrab rasu.

Billi chif għidna missieru chien negozjant, ried ikabbdu it-triek ta'l cummerċ bħalu; iżda Nicolò ma chienx iħoss ruħu migbud; ix-xejra tiegħu chienet għal musica; u billi chien ġa üera ħila cbira f'ic-dakk ta'l pjanuforti cullħadd ħajjar lil missieru biex iħallih icompli Għaldakstant missieru bagħtu jitgħallem għand Dun Michelanġ u dana chien iħobbu üisk m'hux biss għaliex chellu moħħu tajjeb ħafna u jakbad malajr, iżda ucoll għaliex chellu għejra cbira üisk għal musica u għalhecc Dun Michelanġ chien jaf li għad joħroġlu ragel minn taħt idejh. Għallmu l-accompanjament, l-armonija, u il cuntrapunt u chien igħallmu üisk iżjed chieeu il meüt ma gietx ħasditu fl-aħjar.

Meta miet Dun Michelanġ missier Nicolò staksa min chien l-aħjar surmast ta'l musica f'Malta f'dac iż-żmien, u għalhecc irħieh f'idejn il għaref compositur Franġisc Azzopardi li għallmu il fughi scond l-iscola taljana, u li chien tant jinkala għa't-tagħlim li il ccrs ta'l musica li chiteb imsejjaħ "Il Musico Pratico" damu għal żmien tüil jimxu fuku f'il Cunservatorju ta' Parigi. Dana dam igħallmu għal xi żmien u chellu il cbira xorti li jara lil dana l-iscular tiegħu jati l-eüüel opri tiegħu; m'hux bħal Dun Michelanġ li miet tliet snin kabel ma meta Isouard chiteb l-eüüel melodramm tiegħu.

Iżda missier Nicolò ma chellu xejn f'għajnu dina it-telfa ta' ibnu lejn il musica; riedu jakbad xi triek li jakla il flus minnha u li biha jgħix migbur bla taħbit üisk u tiġrif f'torok ħżiena; għaldakstant bagħtu Palermu, bħala cummissjunant ma'd-Dar ta' negozju imfaħħra ħafna dac iż-żmien ta' Gio: Batta Mattei. Nicolò obda ir-rieda ta' missieru u gebbed magħhom xi sentejn.

Iżda meta sab ruħu f'dac ix-xogħol ħass ticber fih iżjed il ħajra lejn il musica, u għaldakstant biex f'il ħin li ma jicsirx chelmet missieru jcun jista jakta xeüktu ucoll, talab l'is-surmast Amendola, li chien scond il Fetis artista ta' ħila cbira, biex f'il ħin li ma jcollux x'jagħmel üara l-offizzju jcompli jgħallmu il musica. U hecc għamlu u flimchien chienu jdokku l-isbaħ bċejjeċ ta' Leo, ta' Durante u ta' Clari li chienu üisk imfaħħra f'daüc iż-żmenijiet.

Meta telak minn ma' Mattei mar Napli impjegat ma'l banchieri tedeschi Cutler u Heigelin; u hemm ħa ir-ruħ għaliex sab ruħu kalb ħafna musicisti m'il aħjar; u haün compla l-istudju ta'l musica taħt il għaref Sala li chien surmast ta' Paesiello u ta' Cimarosa.

F'Napli chien hemm il Principissa Belmonte li chienet thobb tgħin ħafna lil l-artisti; meta ħadulha darba kuddiemha lil Nicolò u semgħitu jdokk talbet lil Guglielmini, üieħed m'il actar chittieba ta'l musica imfaħħrin ta' dac iż-żmien, biex jieħu taħt idejh lil Nicolò u jgħallmu il musica drammatica, u dana ma kallhiex le.

Taħt dana is-surmast ta' ħila beda jicteb l-eüüel melodrammi tiegħu; u billi cullħadd kaüüielu kalbu biex icompli jimxi f'dic it-triek li għaliha chellu ħajra cbira, mar contra ir-rieda ta' missieru u telak il cummerċ għal collox biex jinxteħet għal musica biss.

Mar f'Firenze fein il melodrammi chienu mexjin b'ir-rieħ f'il kala, u hemm ta' l-eüüel melodramm tiegħu "L'Avviso a' Maritati" fl-1795.

Dana chien mela l-eüüel melodramm malti. Choron u Fayolle ħalleü mictub fl-opra famusa tagħhom ta'l biografiji ta'l musicisti cbar li dina l-opra chellha "success ta'l għageb" (*un success prodigieux*); iżda il Fetis, chiteb li f'in-"Notizie Teatrali dell'anno 1795" sab li din l-eüüel opra ma irnexxietx b'dac il għageb collu li kalu Choron u Fayolle; u nifmhu għaliex l-eüüel xogħol u meta chien għad għandu biss għoxrin sena ma satax tant icun hecc bla għilt li jkankal dac il għageb collu.

Is-sena ta üara chiteb u ta' f-Livornu opra serja imsejjħa "Artaserse" fuk librett actarx ta'l Metastasio, u li chiteb apposta imħabba f'il famus cantant Senosino. Il Fetis igħidilna li dina l-opra irnexxiet üisk aħjar m'il oħra.

Dic il ħabta chien isaltan f'Malta il Gran Mastru De Rohan. Dana meta sama chif irnexxa Barra dac iż-żagħżuħ malti, tbeliaħ għalieh u riedu b'il fors jigi haün. Ma dan inżidu, chif ġa għidna kabel, li il familja ta' Nicolò raħħmet ħafna lil Gran Mastru biex jiġbru l-haün, billi ma chien xejn għal kalbha li binhom jibka miexi f'dic it-triek ħażina li kabad u li scond il fehma tagħhom chienet sejra tieħdu l-infern rasu l-isfel.

Għaldakstant meta il Gran Mastru talbu biex jigi f'Malta Nicolò ma kalx le; De Rohan taħ is-Salib ta' San Donatu u għamlu organista ta' S. Ġüann f'loc Vincenzo Anfossi, li chien miet ftit kabel u li chien hu il famus compositur ta'l musica naplitan.

Meta imbagħad miet is-Surmast ta'l Cappella ta' S. Ġüann Sammartino, il Gran Mastru ħatru f'locu u baka hemm sachemm ġeü f'Malta il Francisi fl-1798.

Meta chien f'dana il post chiteb ħafna musica sagra sabiħa üisk u li illum intilfet. Biss igħidu li daüc il carti chien xtrahom üieħed m'il chittieba ta'l musica maltin, u li għamel bħa'ċ-ċaüla, inchesa b'ir-rix sabiħ tagħhom u ħalla ħafna musica sagra tant ħelüa li jġgegħlec ittigħem is-smeüüiet. Jecc dic il musica hi tasseü tiegħu Isoüard chien jicteb musica sagra sabiħa tasseü.

Üakt il Blocc Isouard chien magħluk ġo'l Belt; il francisi chienu jmorru it-teatru għaliex hecc chienu imdorrija u riedu jisimgħu xi ħaġa ġdida u xi musica mictuba fuk librett jeü soġgett francis. Għaldakstant talbu lil Isouard li jicteb xi ħaġa u dana, billi chien iħobbhom ħafna għaliex chellu demmhom u katta ħafna snin fostom, ma kalx le. Chiteb

ir-"Rinaldo d'Asti"; "Il Barbiere di Siviglia"; Il Tonnelliere"; L'Improvvisata in Campagna"; u "I due Avari" li intgħoġbu ũisk u li chienu collha fuk libretti francisi maklubin għa't-taljan.

Fuk libretti taljani chiteb "Ginevra di Scozia" u "Il Barone di Alba Chiara" li intgħoġbu m'hux ankas m'il oħrajn; u għalhecc u billi daũna chienu l-eũũei opri ta' aũtur malti li saru f'il Manoel, ta' cull f'il għaxija it-teatru chien icun maħnuk b'in-nies.

Il General francis Vaubois meta ra il ħila ta' dana iż-żagħżuħ malti intilef ũarajh, sar ũieħed m'il egħżeż ħbieb tiegħu, chien jiekaf miegħu f'cull ma chien jinħtieġ, u meta reħa Malta f'idejn l-Ingliżi u gie biex isiefer, rekket tant kalbu li jħallieh ũarajh. li gegħlu jitlak il post li chellu ta' Surmast ta'l Cappella u ħadu miegħu Parigi bħala segretarju.

Nicolò chien imferfex, chien dak ġo Parigi meta chien jistudja it-triek ta'd-dinja, haũn Malta ma' djul il familja ma satax igħix chif ried hu, u għalhecc li jarġa jmur Parigi fejn isib ħafna min iħobb il musica bħalu u fejn jixxala actar għal kalbu għoġbitu ũisk.

Meta ũasal Parigi, li chienet bħal ma għadha il moħħ ta'd-dinja, tħabbeb ma'l famus compositur ta'l musica Rodolfo Kreutzer. li għinu b'il ħbiberiji li chellu biex ũittielu dic it-triek imdaũũla li chellha tũasslu għal glorja l-actar cbira. Biss dana Kreutzer ghemghem ũara li Isouard ħallas ħażin il gid li chien għamillu. Xejn ma hi ħaġa ta'l għageb għaliex f'id-dinja meta trid toħlok għadu ma għandicx ħlief tagħmel il gid lil xi ħadd; u Isouard għad li irnexxa ħafna f'il musica il ħajja tiegħu ma chienet xejn ixx.




L-eũũel opra li ta' f'Parigi, fl-1801, fl-Opera, chienet it-"Tonnellier" fuk librett ta'l Audinot; izda ma tantx intgħoġbot, għaliex il francisi ma chienx għadhom draũ il musica taljana u għalhecc ma tantx chienet iddokkilhom għal ũidnejhom. U m'hux biss ma intgħoġbotx iżda compositur ta'l musica ieħor, Delrieu. francis, għamel parodija ta' dic l-opra u minn fuk spallejn Isouard daħku ħafna nies.

Iżda dina id-dakka ta' ħarta f'loc li katgħitlu kalbu iżjed kaũũiethielu; u għalhecc ũaħħal f'rasu li għandu jicteb opra li sgur takla it-tifħir ta'l Parigini collha. Ghamel ħbieb seũũa ma'l famus letterat Hoffman u dana b'il għerf tiegħu ũasslu biex għaraf għażel librett tajjeb li sgur jieħdu pjacir bih il francisi. Ũaħħal rasu fuk l-opri ta'l aũturi francisi Monsignè u Gretry, li chienu l-actar mexxejja f'dac iż-żmien u ressak chemm sata il musica tiegħu ma' tagħhom; u billi għinu palata seũũa il compositur francis Etienne ucoll, l-opra ta' Isouard "Un jour a Paris" saħħret lil cullħadd.

Fl-1810, fuk librett ta'l Etienne, ta l-opra tiegħu "Cendrillon" (Cenerentola). u irnexxiet u intgħoġbot tant li scond ma jgħarrfuna Choron u Fayolle, li f'dac iż-żmien chienu ħajjin u jokogħdu f'Parigi *"n'a point d'exemple dans les fastes de l'Opera Comique"* igifieri l. katt ma chien għad hemm success sabiħ bħalu f'Istorja ta'l Opra Comica".

Delrieu meta ra hecc tħabbeb miegħu u chitiblu żeũġ ibretti "L-Impromptu de Campagne" u Michelange"; u fuk libretti ta'l Hofmann, li dejjem baka ħabib miegħu, chiteb "La Femmne Avare" fl-1802 u "Confidences" fl-1803 fuk librett ta A. Gouffè u Villiers chiteb "Le Medecin Turc"; "Leonce" ma' Marsollier; "L' Intrigue aux fenetres" ma' Bouilly u Dupaty; "La Ruse Inutile" ma'l Hofmann fl-1805; u l-"Idala", opra comica fi tliet atti, u, imbagħad, il "Prise de Passaw", fi 3 atti, ma, Dupaty fl' 1806; "Les Rendezvous Bourgeois", f'att ũieħed, ma' Hoffmann; "Les Creanciers"; fi tliet atti, ma'l Vial fl-1807; "Cimarosa", f'żeũġ atti, ma' Bouilly, fl-1808; "L'Intrigue au Serrail", fi 3 atti, ma'l Etienne, fl-1809; is-"Cendrillon" li ġa semmejna. u fl-1811 "La Fete au Village", f'att ũieħed, ma'l Etienne.

Ma' compposituri oħra chiteb "Le Baiser et la Quittance", fi 3 atti; "Le Petit Page"; "Flaminius"; "La Victime des Arts" u oħrajn.

Choron u Fayolle, li chif ghedna għixu fi żmien Isouard u għalhecc setgħu jcunu jafu seũũa, jgħarrfuna li il bicċa il cbira ta' daũna l-opri intgħoġbu ũisk. Chien ucoll imsemmi ġo Parigi bħala ũieħed milli chienu l-actar idokku il pjanu tajjeb f'dac iż-żmien f'id-dinja; u chif chien jaf idokk l-orgni hu ftit jeũ ħadd ma chien haũn li jgħaddieh sottogamba.

U hi ħaġa li tasseũ timbena b'il għageb meta niftacru li f'dic is-sena li Isouard ta tliet opri ġodda "Les Confidences", "Michelange" u "Le Medecin Turc", u li scond ma jgħarrafna H. Audifret, intgħoġbu ũisk u taũh l-isem ta' ũieħed m'il akũa compositur ta' dac iż-żmien, Isouard ma chienx għad għandu ħlief hamsa u ghoxrin sena.

Ma Boyeldieu, Catel u Cherubini, fl-1814, ta' "Bayard et Mezieres"; u imbagħad ũaħda "Le Dejeune de Garcon"; "Le Remede a la Goutte"; "Le Billet de Lotterie"; "Le Magicien sans Magie"; "Lulli et Quinault"; "Le Prince de Catane"; "Les Francaises a Venise"; "Joconde"; "Jeannot et Colin"; "Les Deux Maris"; "L'Une

# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN.

Ġorġ ma riedx iŭiegeb.

—"Ġorġ" kallu Ambroġ mimli b'il killa u b'idu fuk il pum ta'x-xabla, "kiegħed taraha din?.... jecc ma tgħidlix collox sa l-ankas ħaġa ninfdec biha minn banda għal l-oħra.... fhimtni hux?... taf ma min kiegħed titchellem!"

Ġorġ allura fehem li aħjar isalva rasu li ma jmurx isib ruhu id-dinja l-oħra ħin bla ŭakt għaliex chien jaf li kiegħed iħabbat rasu ma' Ambroġ Falzun u ma bin il Hachem li chien jista jneħħilu is-sensja ta'l caless u għalhecc kallu:—

"Sinjur, biss istorni.... jiena ingħidlec collox u ŭiddeb il Ghejtu li ma jitniffesx chelma minn dac li sejjer ingħarrfec għaliex Hamid kalli li cusi hu imdendel ma'l bieb ta' dac il Cavalier il misħut, dac il franciż li dejjem icun l-haŭn jirgħa ŭara xi mara ħelŭa u jien nibża minnu daks il bart għaliex kaluli li hu l-Inghiżitur ta' Malta u li jecc irid jitfagħni f'il bir-ta's-schiechen...."

—"Ġorġ, ħallic m'il ħmerijiet" kallu Ambroġ "mela jien ma inhiex haŭn jeŭ mela int kiegħed tagħmilha ma't-tfal. Li tgħid jibka midfun haŭn geŭ u ismec ma jissemma katt...." u x'ħin dar lejn Ghejtu kallu: "ftehimna Ghejt?"

Ghejtu għamel idu miftuħa fuk kalbu u allura Ġorġ kal li il flus taħomlu Hamid, li chien giebhom minn għand il Cavalier il francis ta'l Birgu u li chien ŭissieh biex ma jitniffes ma ħadd; li oħtu Carmena chienet marret, ŭara Hamid għand il Cavalier u ŭara ftit gie Hamid l-ura ŭahdu u hi bakgħet hemm.

Ambroġ chien mibluh fih in-nifsu għaliex katt ma sata jemmen li Carmena, u l-actar ŭara dic il prietca li chien għamlilha il-lejl ta' kabel, sejra tasal sa haŭn.

Hareġ kalbu imfaŭŭra b'il killa għal Hamid talli għin lil De Saqueville biex jatih dic id-dakka ta' stallett f'kalbu u biex jara chif jagħmel biex itarraf dic il bxara hecc ħażina lil missieru li chellu rigel f'xifer il kabar u biex jara chif jagħmel ħalli lil Carmena ma jħallihiex taħt id-dŭiefer karrieka ta' dac il Cavalier ta'l infern li ftit siegħat ŭara chellu il ħila ipattilu id-dakka ta' xabla li chien ŭaħħallu il-lejl ta' kabel.

U Hamid?

Hamid chien għadu fuk iċ-cint ta's-Sakkajja jitħasseb chif għandu jgib ruħu kuddiem il Hachem u Ambroġ. X'ħin le-mah lil dana jitfaċċa m'il bogħod m'it-telfa ta' ŭiċċu inte-baħ li Ambroġ chellu xi xamma. Ghalhecc żelak baxx, baxx bla ma rah Ambroġ u biex ma juri ruħu mittiefes b'xejn b'il biċċa mar id-dar, tala fejn il Hachem u kallu li Carmena ma chienitx għand ta' Ingŭanez iżda li kalulu li raŭha tit-chellem ma' xbejba oħra minn ta'd-De Nava ŭara il bieb ta'l Grotta.

Il Hachem billi chien jaf li bejn Carmena u ix-xbejba De Nava chien hemm ħbiberija cbira seŭŭa bala ucoll dina it-tieni tkarrieka ta' Hamid u baka jisma dac li is-sur Ka-lamias chien kiegħed igħidlu fuk il Cavalieri, u sa chemm Ambroġ imur igħid lil Marija bl-aħbar ħażina li sama u sa chemm igħidilha li scjjer imur sa'd-dar biex jara jecc il Hachem missieru samax xi ħaġa, incomplu aħna ucoll nisimgħu x'għadda m'il Cavalieri u fejn marru m'il ħruġ tagħhom minn Rodi sa ma' geŭ f'Malta fl-1530.

*(Jissocta.)*

## Lil L-Imsiehbin.

Daŭna ħallsu sa'n-numru 26:—

620 Gio: Batta Borg - Birgu, sa'd-39. 621 Giov: Casha - Belt; 622 Magist: Frendo-Azzopardi L. L. D 623 Salv. Sacco P. A. A.; 624 James Griffiths - Bormla sa't-52; 625 Gius. Cutajar - Gudja sa't-52; 626 G. Bonnici - Rabat sa't-52; 627 Salv. Micallef . S. Giljan; 628 Paolo Fenech - Hamrun sa't52; 629 R. Mifsud-Bonnici - Hamrun; 630 Carlo Micallef - Sliema; 631 Fco. Sav. Bencini - Sliema; 632 S. Debono Ciantar - Sliema; 633 Raff. Raggio-Sliema 634 Lor. Pace - Sliema; 635 Raff. Tabone M. D. - Sliema; 636 Signa. Ass: Pirotta.-Sliema; 637 Onor: And Pullicino M. D.-Sliema; 638 Reg. Rugg. Muscat-Sliema; 639 Parr. Dun Gius. Muscat-Hamrun 640 Alf. Lauron - Hamrun; 641 R. M. Artillery Library - Belt; 642 Salv. Borg - Hamrun; 643 Ch. Muscat - Belt; 644 Gius. Stellini - Belt; 645 Chco. Gius. Vella - Musta; 646 Ant. Abela - Hamrun; 647 Ant. Zammit - L-Isla sa'd-39; 648 Sac. Gius. Busuttil-Marsaxlocc sa'd-39; 649 Carmelo Said-Sliema; 650 G. Muscat - Naxxar sa't-52, 651 L. Doublet - Siggieŭi; 652 Salv. Camilleri - Tripli; 653 Circolu "Matteŭ Callus" - Raħal Ġdid sa'd-39.

*(Jissocta).*

## XARADA

Għajta l-*eŭŭel*; għajta it-*tieni*;
Għajta it-*tielet* L-*intier* trid?
Akla ftit ŭiċċ il ħamrija
U int issibha bla taħbit.

LEV:

It-tŭiegib sa't-8 ta' April.
It-tifsir ta'x-Xarada ta'n-numru 29 hu: LA - LA.

Fissruha tajjeb: L. Ellul (Hal Chircop); A. L. Serracino (Bormla); Salv: Agius (Belt); G. Meli (Belt) u E. Valenzia (Bormla)

★

L-Indovinalja ma fissirha ħadd tajjeb. Billi id-29 ta' frar hi ġurnata żejda jibda jagħlak sninu meta is-sena hi bises-tili f'id-29 ta' Frar; meta ma hix fl-eŭŭel ta' Marzu.

Nitolbu għa'r-ruħ ta'l
**CAV: ROBERTO PORTELLI**
u ta'l
**IMHALLEF CHAPELLE**
li halleŭ dana il ŭied ta' dmugħ għal mistrieħ ta' dejjem.

L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il aħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali Navali u Militari, u m'il aħjar tfal ta't-Tliet Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Jec xi ħadd icun irid jagħmel xi ircant jeŭ jistma xi ħaġa u jcun sgur li reħa ħŭejjġu f'idejn bniedem li jfittixlu l-interessi tiegħu b'ir-rekka u bl-onestà collha, jati l-ircant l-is-Sur Achille Ciancio, ta' Strada Mercanti, numru 175, il Belt u joħroġ cuntent sgur.

Min irid jixtri tabacc ta'l aħjar qŭalità u sigarretti "Samson" tajbin ferm imur għand Ġanni Cassar ta' taħt il bieb ta'l Belt u joħroġ cuntent.

Is-Sur Ġużè Cumbo, kiegħed joħroġ rumanz sabiħ ħafna b'il malti, bl-istampi, tradott m'il francis ta' Ponson du Terrail imsejjaħ "Il Ħaddied ta'l Cunvent." Cull faxxicolu ta' 19 il pagna cbar joħroġ cull gimgħa u jkum żeŭġ soldi biss. Min irid jissieħeb imur jeŭ jibgħat fl Istamperija Cumbo, 295, It-triek ta' S. Paŭl, il Belt.

Min jissieħeb issa jatih il faxxicoli collha li ħarġu s'issa u jitħallsu żeŭġ soldi cull ħmistax il ġurnata.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l Cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu tal-luġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Għand is-Sur Ġużè Mallia, ta'Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegh xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

GĦA'N NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

L-ANTINEVROTICU

TA'L

PROF: DE GIOVANNI

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

Ippruvauha! gid tista tagħmel biss.

GHA'R-RANDAN

Min irid jixtri

CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra

BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.


Stamperija "Empire" 8 Strada Magazzeni - Floriana.